MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Numru 575/2000

Il-Pulizija(Spettur Norbert Ciappara)
vs

Wayne Borg

Il-Qorti,Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat Wayne Borg ta' 19 il-sena imwieled Londra, Ingilterra, bin Paul u Lina Pierson residenti 12 "Welcome Court", Flat 11, Triq il-Muletta, Swieqi, ta' karta ta' identita' numru 98000L, akkuzat talli:

F'dawn il-gzejjer fit-12 ta' Awissu 2000 u fil granet ta' qabel din id-data kellu fis-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghal uzu esklussiv tieghu.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali (folio 8) a tenur tas-subartikolu (2) tal-Kap 101 sabiex l-imputat jitressaq

quddiem din il-Qorti ta’ Gudikatura Kriminali bien iwiegeb l-akkuzi ghal-ksur tal-provvediment kontra ic-citata Ordinanza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkuzat b’pussess aggravat igifieri b’pussess f’cirkostanzi li juru li d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Mill-provi in atti jirrisulta li wera informazzjoni recepita l-iskwadra ta’ kontra d-droga saret tficcija fir-residenza fejn kien joqghod l-imputat flimkien ma’ missieru cioe’ fl-appartament numru 11 f’korp ta’ appartamenti jisimhom “Welcome Court”, Triq il-Muletta, Swieqi. L-informazzjoni kienet fis-sens li impiegat ta’ l-istabiliment “Going Places” gewwa Paceville, identifikat bhala “it-tifel ta’ Pawlu maghruf bhala il-Barun” setghat kellha id-droga ‘ecstasy’.

Illi fil-kors tat-tfittcija li saret fl-appartament imsemmi, fejn allura kien hemm missier l-imputat u l-istess imputat li dak il-hin kien qieghed jinhasel fil-kamra tal-banju, PC 1086 osserva mit-tieqa tal-kcina, li kienet infethet it-tieqa tal-kamrra tal-banju u minnha intefghu ghax-shaft/bitha sottostante bicciet li dehru tal-fidda. Minnufih il-pulizija hadu hsieb jelevaw dawn l-bicciet tal-fidda li sussegwentement gew analizzati mill-espert forensiku appositament nominat fl-inkjesta. Jinghand li kienu analizzati wkoll bicciet ohra li gew elevati l-ghada filghodu, meta tkompliet it-tficcija, minn bejt sovrastanti s-shaft/bitha izda fl-livell aktar baxx minn dak tal-korp tal-appartamenti. Mir-risultanzi tal-analizi effetwata rrisulta li l-bicciet kollha elevati kienu konsistenti fis-sustanza ‘cananbis’ u/jew r-raza taghha. Rilevanti li jigi puntwalizzat f’dan l-istadju li t-total tas-sustanza elevata fl-ewwel tficcija (dik mis-shaft/bitha li saret fit-12 ta’ Awissu) kienet ta’ 41.138 gramma, filwaqt li l-ammont tat-tieni

tficcija kien ta’ 9.263 grammi (vide relazzjoni tal-espert forensiku folio 42 u 52 respettivament).

Illi mill-provi prodotti l-qorti xejn ma ghandha dubbju li s-sustanza migbura u elevata mix-shaft/bitha intremiet mill-imputat. In propositu jigi rilevat li x-xhieda ta’ PC 1086 hija wisq cara u lanqas imkien ma tinstab kontradetta. L-imputat ma xehedx, kif kien fid-dritt tieghu, u wkoll irrifjuta li jirrispondi ghall-maggor parti tad-domandi li sarulu waqt l-interrogatorju, li wkoll kien fid-dritt tieghu, izda li allura ifisser li hu ma offra ebda spjegazzjoni u wisq anqas innega.

Illi pero r-reita tal-imputat, f’dan l-istadju sakemm tolqot il-pussess, tirrisulta fis-sustanza elevata fl-ewwel tficcija u mhux wkoll ghal dik elevata fit-tieni. Dan ghandu jkun ovvju billi l-possibbli fil-kamp kriminali ma jgbix reita u mill-provi l-qorti ma tara ebda ness bejn is-sustanza li nstabet fuq bejt kif fuq inghad u l-imputat. Il-prova cara u skjaccanti kontra l-imputat ghalhekk tirrigwarda l-wiehed u erbghajn gramma elevata fl-ewwel tficcija.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat hu akkuzat mhux biss ta’ pussess semplici izda anka ta’ pussess aggravat. F’dan il-kuntest pero m’hemm xejn car kontra l-imputat. Jekk jistax jigi desunt biss mill-kwantita’ li nstabet u giet elevata hija problematika resa aktar f’dan il-kaz kemm ghaliex l-espert forensiku stqarr, relattivament l-ezami li ghamel ghall-presenza ta’ “mechanical fit” bejn il-bicciet tal-foil li kien hemm mal-blokki tas-sustanza kannella ikkonsenjati lilu u l-bicca foil (identifikata bil-kodici forensiku 00CEJ 202), li taw rizultat fin-negattiv u kemm ghaliex fil-kors tax-xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara issemma li hu kien ukoll interroga lil-missier l-imputat li kien ammetta li kien gieli abbuza mid-droga cannabis ghalkemm ma kien jaf xejn bid-droga li nstabet u ma kellu ebda konnessjoni maghha. Di piu’ d-droga ma nstabitx fil-pussess tal-imputat waqt li hu kien, per ezempju, barra ir-residenza tieghu u kull

alluzjoni fir rigward hi biss ipotetika u priva minn kull element ta’ prova.

Ghalhekk u inghad dan ghalkemm treggi l-akkuza ta’ pussess ma jidhirx li hi fondata dik ta’ pussess aggravat. Kwindi u fil-waqt li ssib l-imputat hati limitatament li fit-12 ta’ Awissu 2000 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, tilliberah pero mit-tieni parti li d-droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghal uzu esklussiv tieghu. Rat l-Artikolu 8, 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tikkundannah ghal Lm500 multa paggabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli fi tlett xhur prigunerija.

Tordan l-konfiska tas-sustanza kollha elevata u d-distruzzjoni taghha permezz tal-Ispizzjar Mario Mifsud.

--------------------------------TMIEM--------------------------------